**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 42**

**18 ta' Mejju 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech – Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Luke Vella – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Gilmor Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**
Maurizio Gauci – Vici sindku
Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Alfred Attard – Kunsillier

**Assenti:**

Karl Cutajar - Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier

**42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

**42.1.1** Is-Sindku rrimarkat li l-laqgħa bdiet tard peress li diversi membri ma attendewx fil-ħin kif kien komunikat. Il-membri preżenti stennew 38 minuta sakemm wasal is-Sur Gilmour Borg u ntlaħaq il-quorum.

**42.1.2** Is-Sindku, is-Sa Desirei Grech, staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm ittri ta' apoloġija, fejn hija rrispondiet li rċeviet tlieta: dik tas-Sur Maurizio Gauci, tas-Sa Yana Borg Debono Grech u tas-Sur Alfred Attard.

**42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**42.2.1** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il-minuti preċedenti nu 40 . Ma kien hemm l-ebda kumment dwar il minuti .

**42.2.2** Is-Sur Luke Vella ippropona u s-Sa Jade England issekondat il-minuti tal-laqgħa numru 40 bħala moqrija u korretti.

**42.3 Arisings mill-Minuti**

**42.3.1** Xejn

**42.4 Komunikazzjoni mis-sindku**

**42.4.1** Is-Sindku informat lil dawk preżenti li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva l-applikazzjoni sottomessa taħt l-iskema SPI.SCI.01.2026 sabiex issir it-tieni edizzjoni tal-kunċert fis-Suq tar-Raħal. Hija qalet li l-Kunsill ser jipproċedi bil-preparamenti meħtieġa u aktar dettalji jingħataw aktar 'il quddiem.

**42.4.2** Is-sindku infurmat lil Dawk preżenti li Waqt reviżjoni interna tal-operat, instabu numru ta' camera connections li kienu ilhom attivi u mingħajr bżonn, b'nefqa annwali ta' madwar €4,000. Dawn se jitwaqqfu immedjatament. L-amministrazzjoni se tkompli tieħu l-miżuri neċessarji biex tnaqqas il-ħela u tassigura aktar effiċjenza fl-użu tal-fondi pubbliċi.

**42.4.3** Is-sindku infurmat lil Dawk preżenti li Il-Birkirkara FC Youth Academy talbet assistenza finanzjarja ta' madwar €1,700 għall-provvista ta' trophies u awards għall-attività annwali End of Season 2025/2026. Peress li l-għajnuna finanzjarja normali tal-Kunsill lill-għaqdiet volontarji hija sa massimu ta' €500, qed jitressaq vot sabiex tiġi kkunsidrata u approvata din l-assistenza.
Kien hemm qbil umanimu bejn dawk preżenti biex jinghataw €500.

**42.4.4** Is-Sindku infurmat lil Dawk preżenti li L-Opel Tennis Club Birkirkara talab assistenza finanzjarja ta' €1,000 sabiex jgħin fl-ispejjeż taż-żebgħa tat-tennis courts bi preparazzjoni għal tournament Open f'Settembru. Listess b'ħatt talba preċedenti-għajnuna finanzjarja hi sa massimu ta' €500. Tressaq vot sabiex tiġi kunsidrata u approvata din l-assistenza. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti biex jingħataw €500.

**42.4.5** Is sur Antoine staqsa jekk jkollniex prova ta din l-għajnuna u s-sindku irrispondiet li l-ebda ħlas ma jsir jekk ma jkunx hemm kwotazzjoni, invoice u riċevuta ta dan.

**42.4.6** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li kella laqgħa mal-kuntrattur relatat mal-gabbana tal-istazzjon bħala parti mill-proġett tal-Birkirkara Heritage Cluster, sabiex jiġu indirizzati punti pendenti marbuta mal-agreement. Ġie nnutat li diversi obbligi previsti fl-agreement tal-2018, fosthom il-bini tal-kamra marbuta mal-public convenience, ma kinux ġew implimentati. L-amministrazzjoni qed taħdem biex jintlaħaq qbil sabiex dawn ix-xogħlijiet jitwettqu u l-proġett ikun jista' jimxi 'l quddiem.
Meta titlesta l-kamra, l-istores eżistenti jiġu rilokati hemmhekk biex il-Kunsill ikompli bl-implimentazzjoni tal-Heritage Cluster, inkluż il-ħolqien ta' mużew u faċilitajiet ġodda għall-komunità.
Ġie nnutat ukoll li l-agreement relatat ma' street signs ma kienx validu skont il-proċeduri meħtieġa u għaldaqstant ser ikun qed jiġi rivedut sabiex jiġu assigurati aktar trasparenza u governanza tajba.

**42.4.7** is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li irċivejna proposta għal upgrade fis-sistema Talexio sabiex il-proċess tal-leave jibda jsir kompletament online minflok permezz ta' formoli manwali. L-ispiża tas-sistema tammonta għal €356 fis-sena. Qed jiġi kkunsidrat ukoll li s-sistema tiġi estiża għall-overtime sabiex il-proċessi interni jsiru aktar effiċjenti u b'inqas burokrazija. It-talba tressqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**42.4.8** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li bħala parti mit-tender il-ġdid tal-ġonna, il-vaska tal-ilma bdiet tiġi amministrata taħt manutenzjoni aktar regolari. Wara ħsarat serji fil-pompa li kienu ilhom ma jiġu indirizzati, saret riabilitazzjoni sħiħa tal-vaska inkluż tindif, restawr, tibdil ta' pajpijiet u installazzjoni ta' pompa ġdida. Ix-xogħol issa jinsab fl-aħħar fażi tiegħu u l-vaska reġgħet imtliet bl-ilma.
Il-kunsillier Kaylocke Buhagiar staqsa jekk hux ha jkun hemm xi ħadd responsabbli li jara li din il vaska qeda taħdem sew peress li qbel kien hemm kuntrattur privat. Is-sindku qalet li din issa taqa taht il kuntratt tas-soft areas.

**42.4.9** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li Il-Kunsill kompla b'diversi interventi ta' manutenzjoni u tisbiħ f'ġonna, playing fields u spazji pubbliċi madwar Birkirkara, fosthom Misraħ it-Tiġieġ, Ġnien l-Ibgħal, Ġnien l-Istazzjon, iż-żona ta' San Franġisk, l-akwedotti u diversi toroq oħra. Ix-xogħlijiet inkludew tikħil, żebgħa, tibdil ta' madum miksur, railing ġdid u restawr tad-dawl sabiex dawn iż-żoni jkunu aktar siguri u aċċessibbli.

**42.4.10** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti kull kunsillier huwa mitlub jibgħat ir-rapport ta' ħidma għall-ewwel sitt xhur tas-sena lis-Segretarja sabiex jiġi ppreżentat lid-Dipartiment u fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

**42.4.11**. Is-sindku infurmat lil dawk prezenti li Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara flimkien ma' Muża Karkariża nedew ir-raba' edizzjoni tal-pubblikazzjoni "Muża Karkariża", li tiġbor kitbiet u poeżiji ta' awturi Karkariżi. Matul l-attività tħabbar ukoll investiment ġdid fil-librerija reġjonali ta' Birkirkara sabiex jinħolqu spazji aktar moderni u aċċessibbli għall-komunità.

**42.4.12** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li waqt xogħol li kien qed isir minn ħaddiema tal-Kunsill intlaqtet vettura privata u għaldaqstant qed titressaq talba għal rimbors ta' €495.60 sabiex jiġu koperti d-danni kkawżati. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**42.4.13.** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li li x-xogħol ippjanat fuq il-bankina ta' Triq il-Wied li kien skedat ghal-14 ta Mejju 2026 bħalissa jinsab sospiż minħabba ċirkostanzi relatati mal-elezzjoni ġenerali. Il-Kunsill ser jagħmel il-kuntatti neċessarji mal-awtoritajiet sabiex jiġi ċċarat meta dawn ix-xogħlijiet ser Jibdew.

**42.4.14** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li Il-Ġimgħa seħħ inċident fl-uffiċċju tal-Kunsill meta persuna daħlet tqassam materjal politiku waqt il-ħin tax-xogħol. Wara konsultazzjoni mad-Dipartiment, ġie deċiż li jsir rapport l-Għassa u qed jiġu kkunsidrati miżuri addizzjonali ta' sigurtà fl-uffiċċju, inkluż il-possibbiltà li jerġgħu jiġu installati partitions. L-amministrazzjoni tibqa' impenjata li żżomm l-uffiċċju bħala spazju professjonali u newtrali. Hija kompliet tghid li ser niġbru kwotazzjonijiet għal dan ix-xoghol u nipproċedu. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**42.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**42.5.1** is-Sindku qalet li ma kienx hemm domandi

**42.6 Rapporti**

**42.6.1** Is-Sindku staqsiet lis-segretarju Ezekuttiv kienx hemm rapporti u hi rrispondiet xejn.

**42.7 Amministrazzjoni**

**42.7.1** Sindku infurmat li l-proċess tal-interviews relatat mal-call għall-kariga ta' Skrivan Skala 12 bħalissa jinsab sospiż temporanjament minħabba l-perjodu elettorali. Il-proċedura ser tkompli hekk kif jingħata l-permess sabiex il-proċessi amministrattivi jerġgħu jibdew b'mod normali

**42.8 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

**42.8.1** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm domandi dwar l-iskedi tal pagamenti. Hadd ma kellu domandi

**42.8.2** Is Sa Marie Claire approvat u is-Sa jade issekondat l-iskedat at pagamenti bħala korretta.

**42.8.3** Is is-sur Luke Vella approva u is-Sa Marie Claire issekondat l-iskedi ta petty cash bħala korretta

**42.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**42.9.1** Il-Laqgħa ġiet fi tmiem fis 6:18 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Data tal-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2026 fil 5.30pm

Iffirmati

_______________________
Christine Jo Mansueto